**6 ta' Awissu, 1993**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Lawrence Cuschieri

versus

L-Onorevoli Prim Ministru *et*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Rekuża**

*Ir-rekuża tal-ġudikant ikkontemplat fl-artikolu 734(e) tirrigwarda biss interess personali u dirett tal-ġudikant fil-kawża u mhux biss interess morali, li huwa inċert u indeterminat minnu nnifsu. Il-ġudikanti sedenti ma kellhom ebda interess fl-eżitu tal-kawża u għalhekk l-eċċezzjoni tar-rekuża ġiet miċħuda.*

1. Din id-deċiżjoni hija ristretta għas-soluzzjoni tar-rikuża taż-żewġ imħallfin li jikkomponu din il-Qorti li saret fit-12 ta' April, 1993, mir-rikorrent għat-termini ta' l-art. 743(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – *recte* 734(e) tal-Kap. 12 jiġifieri l-President ta' din il-Qorti u l-Imħallef dottor Carmel A. Agius;

2. Il-kwistjoni fil-kawża, jiġifieri l-mertu tagħha huwa dan:

(a) Bdew jiġu kkompilati l-atti fil-Qorti tal-Maġistrati

(Malta) fil-kompilazzjoni "Il-Pulizija (Spettur Kevin Ellul Bonici) *vs* Lawrence *sive* Lorry Cuschieri". L-istess Lawrence Cuschieri ssolleva kwistjoni kostituzzjonali li ġiet irriferita lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u sussegwentement lil din il-Qorti li ddeċidiet dik il-kawża fit-8 ta' Jannar, 1992 – (Riferenza 288/90 – Il-Pulizija *vs* Lawrence Cuschieri);

(b) Lawrence Cuschieri allega illi din il-Qorti, fl-ewwel kawża, illedietlu d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u għalhekk ippropona kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-istess ismijiet tal-kawża preżenti – Rikors numru 371/92 – li għadu pendenti quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali;

(ċ) Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-16 ta' Ottubru, 1992, ċaħdet talba tar-rikorrent biex **tissoprassjedi** sakemm tiġi deċiża l-imsemmija kawża, Rikors 371/92, u ordnat li l-proċedura kriminali jkomplu fl-14 ta' Jannar, 1993;

(d) Bil-preżenti rikors, Lawrence Cuschieri, qed jallega li b'dik iċ-ċaħda għas-soprassessjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ivvjolatlu d-drittijiet fundamentali tiegħu;

3. L-artikolu 734(e) Kap. 12 jgħid:

"L-imħallef jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża:

*Omissis;*

(e) jekk hu, jew il-mara tiegħu, jew ir-raġel tagħha, ikollhom interess dirett jew indirett dwar kif tinqata' l-kawża";

4. Issa huwa ċar, sempliċi u manifest illi s-subinċiż ikkowtat ma jista' b'ebda mod ikun applikat għall-każ li għandhom quddiem iż-żewġ imħallfin ta' din il-Qorti, S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President u l-Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D. "L-interess" imsemmi jirriferixxi għal gwadan jew possibbilità ta' gwadan li l-imħallef, u jew il-konjugi direttament jew indirettament jistgħu jieħdu mill-mod kif tinqata' l-kawża:

5. Mhux possibbli għaż-żewġ imħallfin imsemmija li jissottoskrivu l-proposizzjoni li huma għandhom interess kif tinqata' l-kwistjoni jekk il-Qorti Kriminali għandhiex jew le tissoprassjedi meta tirrikorri s-sitwazzjoni li rrikorriet kif deskritt fil-paragrafu 2;

Din il-kwistjoni ma tirrfletti b'ebda mod fuq dak li għamlu jew m'għamlux l-imħallfin ta' din il-Qorti, u hija kwistjoni li tinteressahom biss – fis-sens li huma imħallfin u punti ta' dritt proċedurali bħal dan, u l-implikazzjonijiet tiegħu fid-dritt kostituzzjonali jinteressahom *qua* imħallfin u mhux bħala imħallfin li taw dik jew din id-deċiżjoni. Ċertament dan mhux l-interess li ssemmi l-liġi. Il-gwadan li hemm kif tinqata' kawża bħal din, huwa l-gwadan tad-dritt kif amministrat u implimentat f'dawn il-Gżejjer u mhux taż-żewġ imħallfin li preżentement jiffurmaw parti minn din il-Qorti;

Il-ġurisprudenza, fuq daqshekk sa l-1931 kienet skarsa, imma l-intendiment tas-subinċiż ġie eżaminat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Strickland *vs* Mizzi deċiża fl-20 ta' Mejju, 1931, u ribadita fis-sentenza, verament eżawrjenti u awtorevoli ta' l-istess Qorti tas-17 ta' Lulju, 1934, fl-istess ismijiet, li minnha, huwa opportun li jiġi kkwotat dan il-bran:

*"Che però al silenzio della giurisprudenza locale, supplisce la dottrina, la quale è concorde nel ritenere che l'****interesse*** *che la legge eleva a motivo di ricusazione ed astensione non devesi intendere in senso generico e lato. "È opportuno osservare", rileva il Mortara "che può trattarsi di un interesse giuridico o patrimoniale di qualunque specie,* ***da non confondere coll'interesse processuale; il semplice interesse morale, che è d'incerta verificazione e di misura indeterminata,*** *non è contemplata dalla legge". (Vol. XXVIII.II.667);*

Similment, sentenza riċenti tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Cecil Pace *et*" tas-17 ta' Mejju, 1976, – Imħallef Dr. G. Refalo;

6. Għal dawn ir-raġunijiet, billi l-imsemmija żewġ imħallfin li jiffurmaw parti minn din il-Qorti ma jistgħux la jiġu rikużati lanqas jastjenu milli jieħdu konjizzjoni tal-kawżi li jiġu quddiemhom **ħlief** għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-liġi, u r-raġuni avvanzata mhix attendibbli – tiċħad ir-rikuża.